MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Numru 384/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**VS**

**OMISSIS**
**DONNA CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjub kontra Jurgen Xerri, ta’ 27 sena, bin Carmel u Mary nee’ Spiteri, imwieled tal-Pieta’ nhar id-19 ta’ Dicembru, 1987, residenti fil-fond numru 11, Tulip House, Triq Balbi, Marsa, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 151479 (m);

U Donna Camilleri, ta’ 19-il sena, bint Victor u Concetta nee’ Caruana, imwielda tal-Pieta’ nhar il-5 ta’ Ottubru, 1986, residenti fil-fond Block 14, Flat 15, Rose Path,

Santa Lucija, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 457586 (M);

Akkuzati talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli fil-gimghat ta' qabel l-4 ta' April, 2006, wara nzul ix-xemx, f'Rahal Gdid, ikkomettew serq ta' diversi prodotti tal-ikel, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-dannu ta' John Cuschieri mill-Gharghur;

2. U aktar tali fil-gimgha ta' qabel l-4 ta' April, 2006, d'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe' il-prodotti msemmija, misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

3. U aktar talli nhar is-27 ta' Mejju, 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkomettew serq ta' diversi fliexken tax-xorb u oggetti ohra, liema serq li kkwalifikat bil-mezz u l-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-dannu ta' Neville Papagiorcopulo minn San Giljan;

4. U aktar talli fis-27 ta' Mejju, 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan ikkommettew serq ta' ghodod, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sar ghad-dannu ta' John Alfred Micallef minn San Giljan;

5. U aktar talli fis-27 ta' Mejju, 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, volontarjment hassru, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fis-serrtura tal-bibien tal-garaxxijiet, liema hsara li teccedi l-ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda hija inqas minn hamsin lira maltin (Lm50.00), saret ghad-dannu ta' Neville Papagiorcopulo u John Alfred Micallef, it-tnejn minn San Giljan;

6. U aktar talli nhar it-3 ta' Gunju, 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diversi ghododm, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-dannu ta' Paul Graham John Hardy minn San Giljan;

7. U ukoll talli fit-3 ta' Gunju, 2006 f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fis-serratura ta' bieb ta' garaxx, liema hsara li ma teccedix l-ghaxar liri maltin (Lm10.00), saret ghad-dannu ta' Paul Graham John Hardy minn San Giljan.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti;
Wara li rat l-ammisjoni tal-imputata Donna Camilleri, f'dan l-istadju tal-proceduri, wara li nghatat zmien xieraq skond il-Ligi biex tikkunsidra din l-ammissjoni taghha;
Wara li rat li t-tieni (2) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1), u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 325, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija mputata Donna Camilleri hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrieha u ghaldaqstant tordna li titqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien sentejn (2), *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------